**QORTI KRIMINALI**

**ONOR. PATRICK VELLA B.A., LL.D. MAG. JURIS (EUR. LAW)**

**Att ta' Akkuza: 3/2001**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**RICHARD BORG**

**Illum, 7 ta' Mejju, 2002.**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' Akkuza 3/2001.

Semghet lill-akkuzat Richard Borg fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2002, jammetti l-akkuzi kollha dedotti kontrih f'liema ammissjoni baqa' jippersisti wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni w taghtu zmien xieraq biex jirrikonsidraha, skond il-ligi.

Tiddikjara lill-Richard Borg hati talli (1) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina bi ksur tal-ligi u dan taht tali cirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, dan skond l-Ewwel Kap ta' l-att ta' Akkuza, (2) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina bi ksur tal-ligi, u dan taht tali cirkostanzi li juru li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu, dan taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza, (3) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, dan skond it-Tielet Kap ta' l-Att ta' Akkuza, (4) minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara, jew irceva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat li kien jaf li l-istess ikun falsifikat, dan skond ir-Raba Kap ta' l-Att ta' Akkuza, (5) volontarjament ghamel hsara jew kisser xi parti minn xi meter ta' l-elettriku, jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew gumni wzati fil-provvista ta' l-elettriku, jew is-sigilli taghhom, u dan skond il-Hames kap ta' l-Att ta' Akkuza (6) ta' serq ta' kurrent elettriku, ikkwalifikat bil-mezz, u dan taht is-Sitt Kap ta' l-Att ta' Akkuza, (7) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti w li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, u dan skond is-Seba Kap ta' l-Att ta' Akkuza, u (8) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis u dan bi ksur tal-ligi, dan skond it-Tmien Kap ta' l-Att ta' Akkuza.

Semghet bil-gurament lix-xhieda kollha prodotti mil-hati u cioe', missieru Peter Borg, l-gharusa tieghu Anna Maria Frannerud, it-tlett

rappresentanti tas-Sedqa Carmen Brincat, Josette Camilleri w Ray Grech, Alex Mamo in rappresentanza ta' Attard Bros. Limited ma' min jahdem il-hati, kif ukoll lill-istess hati Richard Borg.

Semghet lill-Avukat Prosekutur Dr. Mark Said u lill-Avukat Difensur Dr. Manwel Mallia jittrattaw dwar il-piena.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-hati, l-eta' piuttost zghira tieghu meta wettaq ir-reati lilu addebitati, iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, kif ukoll iz-zmien ta' sena li hu ghamel is-Sedqa taht programm residenzjali ghar-riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga, l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri qabel ma gie ffurmat il-guri, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija fejn mal-ewwel qalilha dettaljatament kif, fejn u minghand minn kien jakkwista d-droga biex jissodisfa l-vizzju tieghu.

Qieset b'mod partikolari il-fatt li l-hati spicca vittma tad-droga anke bhala rizultat ta' trobbija u tfulija ferm difficli fejn meta kien ghad kellu biss seba (7) snin, wara li z-zwieg tal-genituri tieghu tkisser, hu tpogga f'istitut f'Ghawdex, il-boghod mill-ambjent li kien imdorri fih f'Malta, u fejn dam ghal disgha (9) snin meta hareg minn hemmhekk fl-eta' ta' sittax (16) il-sena, u fejn, allegatament, gie abbuzat, anke sesswalment matul dawk id-disgha (9) snin li dam hemmhekk.

Ikkunsidrat li l-hati spicca vittma tad-droga, aktar milli traffikant tad-droga, peress li haseb li dak kien ir-rimedju biex jehles minn dik it-trauma li ghadda minnha fi tfulitu, triq din li fil-fatt ma waslitu mkien hlif biex bdew dawn il-proceduri kontrih.

Qieset il-fatt li dawn il-proceduri servew biex il-hati jibda programm ta' riabilitazzjoni w riforma tieghu stess imniedi mis-Sedqa, liema programm hu segwa w temm b'success konsiderevoli tant li hareg minn hemm bniedem imwieled mil-gdid, u, kif gie deskritt mill-fuq imsemmija rapprezentanti tas-Sedqa, iservi ta' "a role model" ghal min irid jgheleb il-vizzju tad-droga bhal ma ghamel hu.

Tara li f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti trid toqghod attenta li tohloq bilanc u li bil-piena li tinfliggi ma tharbatx u ma tfixkilx kull progress u success li ottjena l-hati, li, minn naha  tieghu jaf u jammetti li ghandu jhallas ghall-hazin li ghamel.

Tara li f'dawn ic-cirkostanzi specjali, il-Qorti m'ghandhiex tapplika l-piena skond l-Artikolu 22 (2) (a) (i) tal-Kap. 101, izda tapplika dik provduta fis-subparagrafu (aa) ta' l-istess disposizzjoni, b'dan li tali piena ghandha tkun aktar lejn il-minimu hemm imsemmi milli lejn il-massimu.

Qieset kull ciskostanza ohra rilevanti.

Rat l-Artikoli 8 (a), 9, 10 (1), 12, 14 (1) (5), 15 A, 20, 22 (1) (a) (f) (1A) (1B) (2) (a) (i) (ii) (3A) (c) (d), 22 (2) (b) (i) (f) u 26 tal-Kap101, ir-Regola B tar-Regolamenti tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39), l-Artikoli 17 (b) (c) (d), 18, 20, 23, 31, 264 (1), 278 (4), 283, 326 (1) (f) u 533 tal-Kap. 9, l-Artikoli 2, 3 (1), 19 u 27 tal-Kap. 66 u l-Artikolu 46 tal-Kap. 204.

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-imsemmi Richard Borg ghall-hames (5) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li hu kien taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, kif ukoll ghall Multa ta' elfejn lira Maltin (Lm2000). Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap. 9, tikkundanna lill-Richard Borg sabiex fi zmien xahrejn mil-lum ihallas l-ispejjes peritali konnessi ma' dan il-kaz ammontanti ghas-somma ta' Lm395.33c.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' l-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati, bl-eskluzzjoni tad-dokumenti NH2, NH3 u NH9. Fost l-oggetti konfiskati ghandhom jibqghu il-biljetti ta' flus falsifikati riferibbilment ghar-reat taht ir-Raba Kap. Tordna d-distruzzjoni ta' kull droga, li talvolta tinsab esebita taht l-awtorita' taghha in konnessjoni ma' dan il-kaz, liema distruzzjoni trid issir mir-Registratur tal-Qorti, kemm il-darba l-Avukat Generali ma jindikax permezz ta' nota prezentata fi zmien gimgha mil-lum li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma' xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi <u>process-verbal</u> bid-dettalji tad-distruzzjoni w jinserih fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn xahar mil-lum.

(ft) Joseph Sammut
Deputat Registratur